**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI

## Aġenda Nru. 45 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

**Data:** Nhar it-Tnejn 25 t'April 2016
**Hin:** fil-5:30pm
**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Struttura ta' Ġieħ il-Qrendi;
6. Immaniġġjar tat-Traffiku fil-Qrendi;
7. Ambaxxatur/riċi Ġdid/a għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Aġġornament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-45 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 25 t'April 2016 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-44 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajma mill-Minuti tal-44 Laqgħa tal-Kunsill Lokali.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar sottomissjoni ta’ proġett li jkun jiswa madwar €150,000.

3.1.1 Qal li l-idea tal-Kunsill Lokali hi dwar żewġ proġetti partikolari: il-proġett tal-bandli ta’ Ġnien Nicolo’ Communet kif ukoll il-proġett ta’ Triq Sant’Anna.

3.1.2 Spjega kif fil-laqgħa preċedenti, il-ftehim tal-Kunsill Lokali kien li niffukaw fuq il-proġett ta’ Triq Sant’Anna, għalkemm din id-deċiżjoni trid tkun waħda finali qabel jiġi sottomess proġett jew ieħor.

3.1.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li donnu hawn xewqa mir-residenti li tingħata attenzjoni speċifika lill-bandli ta’ Ġnien Nicolo’ Communet.

3.1.4 Is-Sindku fakkar li jekk bħala Kunsill Lokali se mmorru għall-proġett tal-bandli, rridu naħsbu wkoll fuq l-infrastruttura ta’ dan il-post.

3.1.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li l-proġett ta’ Triq Sant’Anna aktar jagħmel sens u jekk jibqa’ l-flus minn dan il-proġett, allura nħarsu lejn il-proġett tal-bandli.

3.1.6 Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu aktar jippreferi jekk nissottomettu l-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

proġett ta' Triq Sant'Anna, għaliex b'madwar €120,000 se jirnexxielna nirranġaw il-bandli imma min-naħa l-oħra mhux se jkollna bandli *state of the art* għax inkella dan jiġi jiswa ħafn'aktar.

3.1.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li jekk kemm-il darba t-tisbiħ u l-proġett tal-bandli jsir qabel il-proġett tal-bini taċ-Ċentru Amministrattiv il-ġdid tal-Kunsill Lokali, dan jista' jkun ta' żvantaġġ minħabba problemi ta' saħħa u sigurta' meta jkun qiegħed isir il-proġett taċ-Ċentru l-ġdid.

3.1.8 Żied li min-naħa tiegħu jippreferi jekk nissottomettu l-proġett ta' Triq Sant'Anna, imma xorta waħda nġibu kwotazzjonijiet sabiex naraw jekk nistgħux nagħmlu xi ħaġa fil-bandli ta' Ġnien Nicolo' Communet.

3.1.9 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nkunu qegħdin inġibu kwotazzjonijiet minħabba l-bandli ta' Ġnien Nicolo' Communet, imma se nkunu qegħdin nissottomettu l-proġett ta' Triq Sant'Anna.

3.2 Is-Sindku tkellem dwar is-sejħa għall-interess għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli mil-lokalita' tal-Qrendi.

3.2.1 Qal li meta għalaq il-perjodu ta' din is-sejħa, iż-żewġ koperattivi f'pajjiżna, jiġifieri GreenPAK u GreenMT, it-tnejn issottomettew il-proposti tagħhom.

3.2.2 Spjega kif il-Kunsill Lokali għamel laqgħat maż-żewġ koperattivi u fisser li f'dawn l-aħħar ħames snin il-Kunsill Lokali dejjem uża s-servizzi ta' GreenPAK.

3.2.3 Kompla jispjega l-benefiċċji li għandu bħalissa l-Kunsill Lokali mingħand GreenPAK, u qal li mhux qegħdin igawdu biss ir-residenti, imma anke l-istudenti tal-iskejjel tagħna, qegħdin ikunu edukati sabiex jirriċiklaw l-iskart.

3.2.4 Żied li kien hemm żmien fejn kellna problema minħabba l-ġbir tal-ħġieġ, imma wara li tkellimna ma' GreenPAK din il-problema ġiet solvuta.

Qal li mill-proposti taż-żewġ koperattivi jidher li t-tnejn li huma

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

qegħdin joffru l-istess affarijiet.

3.2.5 Fisser kif issa l-Kunsill Lokali jrid jiddeċiedi jekk jibqax juża' s-servizzi ta' GreenPAK jew inkella jagħżel li jibda jaħdem ma' GreenMT.

3.2.6 Min-naħa tiegħu s-Sindku ppropona li nibqgħu naħdmu ma' GreenPAK għax f'dawn l-aħħar ħames snin dejjem ħdimna tajjeb ħafna minnhom.

3.2.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nibqgħu naħdmu ma' GreenPAK.

3.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li l-Kunsill Lokali kellu ma' rappreżentanti tal-LESA.

3.3.1 Qal li matul din il-laqgħa tkellimna dwar is-sewqan esaġerat li qed ikollna minn kumpanija tal-kiri partikolari li wieħed mill-*compounds* tagħha qiegħed fil-limiti tal-Qrendi.

3.3.2 Żied li apparti minn hekk, elenkajna numru ta' toroq fejn qiegħed ikun hemm sewqan eċċessiv u irresponabbli.

3.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li waslitlu informazzjoni li nhar ta' Ħadd kmieni filgħodu, fi Triq il-Panorama qegħdin isiru t-tlielaq taż-żwiemel illegalment, u dan jidher ukoll ċar mill-wiċċ tat-tarmak li spiċċa kollu daqqiet tan-nagħal taż-żwiemel.

3.5 Is-Sindku tkellem dwar l-ATM fil-Qrendi u qal li fl-aħħar jidher li wasalna.

3.5.1 Qal li l-Bank of Valletta aċċettaw li ssir ATM fil-Qrendi, biss il-Kunsill Lokali se jkollu jibni l-kamra hu, japplika għall-permessi u s-servizzi, imbagħad id-*day to day running* jieħu ħsiebu l-Bank of Valletta.

3.5.2 Żied li jekk il-Kunsill Lokali jaċċetta l-proposta tal-Bank of Valletta, allura mbagħad nidħlu fi ftehim mal-Bank għall-għaxar snin li ġejjin.

3.5.3 Is-Sindku ppropona li din l-ATM issir if Triq Ġużè' Cassar, eżattament wara l-Monument tal-Gwerra, u dan wara li fid-diversi laqgħat li kellu ma' rappreżentanti tal-Bank of Valletta dejjem deher li dak kien l-aktar

lok li għoġobhom.

3.5.4 Qal li jekk kemm-il darba ma jirnexxilniex inġibu permessi mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex din il-kmajra ssir wara l-Monument tal-Gwerra, allura mbagħad nippruvaw nagħmluha maġenb il-Berġa fi Triq Massabielle.

3.5.5 Żied li dan mhuwiex se jkun proċess ta' xi xahar wieħed biss, imma għallinqas għandna l-bidu u nistgħu nibdew naħsbu fuq ATM fil-lokalita' tagħna li tant ilna nistennewha.

3.5.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku li nippruvaw li l-ATM issir fi Triq Ġużè' Cassar, wara l-Monument tal-Gwerra.

3.6 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu ma' studenta Taljana li fil-preżent qiegħda tagħmel teżi dwar turiżmu alternattiv.

3.6.1 Qal li l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu ssuġeritilha li tiġi l-Qrendi u din l-istudenta uriet interess kbir.

3.6.2 Spjega kif anke interessat ruħha ħafna fil-Festival Agrarju tal-Patata u wegħditna li se tkun preżenti fil-5 ta' Ġunju.

3.6.3 Żied li jidher li hi wkoll ġejja minn reġjun fejn bħalna jagħmlu l-Festival tal-Patata, kif ukoll dak tal-Basal, u allura għandna għalxiex naħdmu mill-viċin magħha.

3.6.4 Spjega kif se nippruvaw naħdmu fuq xi tip ta' ġemellaġġ ma' dan ir-Reġjun, b'mod speċjali minħabba s-sena 2018.

3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-Laqgħa tal-Lokalita' li saret fil-bidu ta' dan ix-xahar u tkellem dwar il-proposta ta' *roundabout* fi Triq it-Tempesta.

3.7.1 Qal li b'kollox attendew 26 ruħ u personalment ħass li ħafna minnhom kienu hemmhekk għaliex jew kellhom aġenda personali nkella għax ingħataw informazzjoni ħażina.

3.7.2 Spjega kif il-Perit tal-Kunsill Lokali, Anthony Bezzina, ma setax jattendi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

minħabba li kellu konferenza tal-aħbarijiet politika.

3.7.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa kif sal-lum il-Kunsill Lokali għad m'għandux l-informazzjoni li talbu n-nies, u li din kellha tiġi provduta mill-Perit tal-Kunsill Lokali.

3.7.4 Is-Sindku qal li għada se tkun qiegħda ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill Lokali u dan wara li diġa' kellna laqgħa ma' Transport Malta.

3.7.5 Spjega kif il-laqgħa li kellna mal-Perit Audrey Testaferrata Denoto kienet waħda kordjali ħafna u jidher li għamilna passi tajbin 'l quddiem.

3.7.6 Qal li waqt din il-laqgħa tkellimna dwar pjan ħolistiku għall-*bypass* kollu kif ukoll tkellimna dwar Triq iż-Żurrieq fejn inkludejna wkoll il-kantuniera ma' Triq il-Biżantini.

3.7.7 Żied li f'din il-laqgħa tkellimna dwar kollox, sabiex jekk isir xi ħaġa, biha jirnexxilna nolqtu lil kulħadd.

3.7.8 Għaldaqstant qal li issa tkellimna fuq kollox ma' Transport Malta u jidher li l-Perit Testaferrata Denoto ħadet nota ta' kollox u għandhom ikellmuna lura min-naħa tagħhom.

3.7.9 Qal li fl-aħħar mill-aħħar huma Transport Malta li jridu jagħtuna l-*blueprint*, imbagħad ix-xogħol isir mill-Kunsill Lokali.

3.8 Is-Sindku tkellem dwar it-totem kiosk li hemm fi Triq Rokku Buhagiar u qal li issa bdejna inżidu l-informazzjoni bil-mod il-mod.

3.9 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret fl-Awtorita' tal-Ippjanar u li kienet tikkonċerna l-linja tal-ħwienet ta' Wied iż-Żurrieq.

3.9.1 Qal li matul din il-laqgħa kienu msemmija xi toroq fiż-żona.

3.10 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellna mal-Bord t'Evalwazzjoni dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2016.

3.10.1 Qal li jidher li morna tajjeb f'din il-laqgħa u fil-fatt din is-sena l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jirċievi għajnuna ta' €6,000 mill-iskema, jiġifieri

żieda ta' €1,000 mis-sena li għaddiet.

3.10.2 Spjega kif matul din il-laqgħa tkellimna dwar kif se ninkorporaw kollox flimkien: patata, arti, divertiment, mużika, eċċ....

3.10.3 Żied li matul din il-laqgħa ġejna mistoqsija diversi mistoqsijiet dwar kif se ntellgħu ċertu affarijiet u ma kellniex problemi sabiex weġibna għal kull mistoqsija li ġejna mistoqsijin.

3.10.4 Qal li matul din il-laqgħa ħareġ ċar li rridu naħsbu sew għat-tinda li fiha se ntellgħu l-wirja artistika, u li allura se jkollna nimxu mill-idea li kellna oriġinali.

3.11 Is-Sindku tkellem dwar l-Iskola Primarja tal-Qrendi u qal li għadu kif inbeda l-proġett pilota ta' *digital archiving*.

3.11.1 Qal li dan il-proġett inbeda ma' żewġ sajjieda Qrendin, fejn dawn tkellmu dwar il-ħidma li kellhom għal numru twal ta' snin.

3.11.2 Spjega kif dawn l-intervisti li saru issa se jkunu fuq DVD u allura se jkunu jistgħu jinżammu fil-librerija tal-iskola.

3.12 Is-Sindku tkellem dwar id-dawl fi Triq il-Panorama.

3.12.1 Qal li wara li konna mwiegħda li se jsir id-dawl f'din it-triq, minn kantuniera ma' Triq Ħaġar Qim u jibqa' sejjer sa tal-Providenza, l-ERA oġġezzjonaw u qalu li jekk għandu jsir id-dawl aħjar isir baxx milli mal-arbli.

3.12.2 Spjega li r-raġuni li qegħdin iġibu l-ERA hi li din it-triq tinsab qrib it-Tempji ta' Ħaġar Qim, li huma Natura 2000, u allura issa ġejna f'sitwazzjoni li se jkun diffiċli ħafna li nagħmlu dawn id-dwal.

3.12.3 Żied li fi Triq Ħaġar Qim ukoll iriduna nqattgħu trinka mal-ġenb tat-triq sabiex ngħaddu s-servizz tad-dawl minn hemmhekk.

3.12.4 Spjega kif din il-biċċa xorta waħda tiġi tiswina ħafna flus u allura bħalissa qegħdin nevalwaw proposti dwar kif nistgħu mmexxu mod ieħor.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.13 Is-Sindku tkellem dwar id-dawl fi Triq il-Panorama, fin-naħa magħrufa bħala 'Il-Ħnejja.'

3.13.1 Qal li wara li żdiedu dawk l-erba' bozoz, xtaqna li kieku nżidu bozza oħra imma konna se nidħlu fi spiża kbira għaliex anke hawnhekk kien se jkollna nagħmlu trinka.

3.14 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li tkellem ma' Joe Micallef ta' Joe Micallef Travel u dan tah il-prezz ta' kemm tiġi tiswa ġurnata Sqallija f'Lulju.

3.14.1 Jidher li għal matul dan ix-xahar, ġurnata Sqallija tiġi tiswa €160 għall-kbar u €65 għaż-żgħar.

3.14.2 Spjega kif il-prezz huwa ftit għoli minħabba li f'Lulju u f'Awwissu l-prezz tal-katamaran jogħla.

3.14.3 Żied li wara li kien hemm xi persuni li pproponew li għandna nesploraw il-possibilta' li għandna nagħmlu *weekend break* fi Sqallija, jidher li l-prezz jiġi jiswa madwar €400 jew aktar.

3.14.4 Qal li 'l quddiem irridu niddeċiedu jekk hux se mmorru ġurnata Sqallija jew inkella hux sejrin għal *weekend* sħiħ.

3.14.5 Il-Viċi Sindku ppropona li għalissa għandna naħsbu dwar il-ġurnata Sqallija u semma' l-possibilta' li mmorru nhar is-Sibt 9 ta' Lulju 2016.

3.14.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

3.15 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq Dun Nerik Mahoney kantuniera ma' Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro.

3.15.1 Qal li jkun ideali jekk tintbagħat ittra lir-residenti ta' din it-triq minħabba l-iskart li jew qiegħed jinħareġ kmieni jew inkella fi granet fejn mhux suppost jinħareġ.

3.16 Il-Viċi Sindku staqsa dwar żewġ mirja preżenti fi Triq is-Siġġiewi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.16.1 Is-Sindku wieġeb li hemm mera minnhom li qiegħda tiċċaqlaq u għandha bżonn tiġi ssikkatha, minħabba li kellna jiem sħaħ ta' rjieħ qawwija.

3.17 Il-Viċi Sindku tkellem dwar ħarġa kulturali li għandha ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju 2016.

3.17.1 Qal li fil-preżent qiegħed jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex din il-ħarġa tkun tista' ssir.

3.18 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar Triq il-Panorama u qalet li hi personali tkellmet dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand is-Sa. Aleesandra Mamo.

3.19 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa dwar *re-surfacing* ta' parti minn Triq Rokku Buhagiar.

3.19.1 Is-Sindku wieġeb li din it-triq tinsab fil-ħsieb tal-Kunsill Lokali sabiex xi darba tingħata wiċċ ġdid ta' tarmak imma rridu nevalwaw sew il-baġit tal-Kunsill Lokali.

3.20 Is-Sindku tkellem dwar ittra li ntbagħtet lis-sid tal-El Paradiso Pizzeria li jinsab fi Triq il-Biżantini.

3.20.1 Qal li fl-ittra mibgħuta spjegajna l-każijiet kollha fejn fihom qiegħda tinkiser il-liġi sabiex dan is-sid jirregola ruħu u l-operat tiegħu.

3.20.2 Spjega kif wara li ntbagħtet l-ittra, għalkemm il-vann tneħħa mill-kantuniera fejn kien qiegħed jitħalla, l-imwejjed u s-siġġijiet xorta waħda baqgħu jinħarġu bla permess, u dan b'dannu għas-sigurta' ta' dawk il-klijenti li jiffrekwentaw dan il-ħanut.

3.20.3 Is-Sindku qal li hu personali ma jistax jieħu responsabilita' u lanqas huwa lest li jerfa' r-responsabilita' ta' dak li qiegħed jew jista' jiġri.

3.20.4 Il-Viċi Sindku qal li jekk kemm-il darba se nitkellmu bħala Kunsill Lokali, allura rridu nħarsu lejn it-triq kollha, u rridu nkellmu wkoll lil min jinsab fl-istess triq u joħroġ il-kaxxi tal-ħaxix taħt il-bankina.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.20.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li l-bankina ta' Triq il-Biżantini għandha titwessa', speċjalment fil-kantuniera.

3.20.6 Is-Sindku min-naħa tiegħu ppropona li għandna mmorru uffiċjalment għand il-pulizija sabiex jieħdu dan il-każ f'idejhom.

3.20.7 Il-Viċi Sindku min-naħa tiegħu ssuġerixxa li tintbagħat ittra oħra, bħala twissija, imbagħad jekk l-abbużi jibqgħu jseħħu, allura ma jkunx fadlilna għażla ħlief li mmorru għand il-pulizija.

3.21 Is-Sindku tkellem dwar l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi għandu quddiemu, jiġifieri QLC – MW 49/16 (Maintenance Works on Pavements, Quays, Retaining Walls and Culverts at Qrendi).

3.21.1 Qal li sar rapport mis-sotto kumitat dwar din is-sejħa wara li saru l-intervisti mal-offerenti u llum dan qiegħed jitressaq quddiem il-Kunsill Lokali u li jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti.

3.21.2 Wara li nqara r-rapport, is-Sindku qal li kif jindika r-rapport, il-proposta hi li dan it-tender jingħata lil Ell's Urban Services Ltd.

3.21.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

3.22 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq quddiem il-Kunsill Lokali l-*Audited Financial Statements* għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali.

3.22.1 Wara li ġew spjegati xi punti, il-Kunsill Lokali approva unanimament dawn l-*Audited Financial Statements*.

## 4. <u>KORRISPONDENZA</u>

4.1 Inqrat Memo 08/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 8/2016 – VAT u *Performance Guarantee.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.2 Inqrat Memo 09/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 9/2016 – Migrazzjoni sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (ePPS) – www.etenders.gov.mt**

4.3 Inqrat Memo 10/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 10/2015 – Aġenda, Minuti u Skedi ta' Pagamenti.**

4.4 Inqrat Memo 11/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 11/2016 – Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal.**

4.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Uffiċjali fi Brussels, il-Belġju.**

4.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Vjaġġar lejn Brussell.**

4.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Hoisting of national flag on public buildings – Good Friday, 25 March and Saturday, 26 March 2016.***

4.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Chinese Training Programmes.***

4.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kors "Taħriġ fil-Lingwa Maltija" li ser isir nhar il-Ħamis 28 t'April, it-Tnejn 2, it-Tlieta 3 u l-Erbgħa 4 ta' Mejju 2016.**

4.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT Clarification 4 – Case No. 135/16: Meeting re Consignment of Procedures permit for WEEE & Bulky Refuse.***

4.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Evaluation Board Meeting with Local Councils.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Email Address.***

4.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***List of email addresses.***

4.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata.**

4.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Lifelong Learning Cafe'.***

4.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 175/16 – ME, CFS and Fibromyalgia "Light Up The Night."***

4.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***1st Reminder Re-Case 178/16 Re-Memo 9/2016*** **– Migrazzjoni sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (ePPS) – www.etenders.gov.mt**

4.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Procurement Statistical Information (2015).***

4.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rita Mifsud Attard għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Priority Axis 4 (Low Carbon Economy) and Priority Axis 5 (Environment).***

4.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rita Mifsud Attard għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URBACT Implementation Networks call Information Session.***

4.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claire Gerada għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Servizz ta' Wifi fl-Uffiċini tal-Kunsill Lokali.**

4.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claire Gerada għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviżi tal-etenders.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Launch of the ENI CBC MED Programme 2014 – 2020.***

4.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Conference – Implementing #COP21: A Business Threat or Opportunity?***

4.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***MEUSAC News – Issue 136 & Presentations attached.***

4.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Interreg Europe Project Proposals – Maltese Partners Needed.***

4.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Laqgħa Informattiva rigward l-Importanza tal-Isport fuq Livell Komunitarju u l-irwol tal-Kunsilli Lokali.**

4.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari – Format għal proposti ta' proġetti taħt l-ERDF –** ***Prioirty Axis 4 & 5.***

4.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Azzopardi għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari – Format għal proposti ta' proġetti taħt l-ERDF –** ***Priority Axis 4 & 5.***

4.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **L-Anzjani fil-Lokalita'.**

4.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Miriam Dorothy Cachia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Servizz.gov**

4.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Josianne Archie għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Servizz. gov**

4.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace, għaċ-Ċermen tal-Vot 16, bit-titlu **Data dwar l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.**

4.33.1 Is-Sindku David Schembri qal li kif tkellimna fil-laqgħat preċedenti, is-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Sur Justin Debattista kien spiċċalu t-terminu tiegħu li jaġixxi bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-lokalita' tal-Qrendi minħabba li għalaq it-18-il sena.

4.33.2 Qal li wara li tkellimna ma' diversi żgħażagħ, is-Sa. Abigail Sciberras uriet interess partikolari li tkun hi l-Ambaxxatriċi l-ġdida taż-Żgħażagħ fil-Qrendi.

4.33.3 Spjega kif fl-aħħar jiem saret laqgħa mas-Sa. Abigail Sciberras sabiex nispjegawlha aħjar x'se tkun tinvolvi l-ħidma tagħha u wara li ħasbitha, hi ġiet lura u qaltilna li jekk kemm-il darba tkun approvatha mill-Kunsill Lokali, hi taċċetta l-kariga.

4.33.4 Għaldaqstant is-Sindku ppropona li l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ il-ġdida tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi għandha tkun is-Sa. Abigail Sciberras.

4.33.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

4.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 20/2016 – Laqgħa għas-Sindki fis-6 u s-7 ta' Mejju 2016 fil-Lukanda Calypso, Marsalforn, Għawdex.**

4.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 20/2016 – Laqgħa għas-Sindki, 6 u 7 ta' Mejju – Akkomodazzjoni.**

4.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Louis Deguara, mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 21/2016 – Advancing in Society through Empowerment.***

4.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 22/2016 – Project Conference AC4ACP.***

4.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Aġent Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Festa Nar – Konferenza Stampa – 30 ta' Marzu 2016.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali u Kumitat Reġjonali, bit-titlu **Soluzzjonijiet għall-kwistjoni tal-WEEE.**

4.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali u Kumitat Reġjonali, bit-titlu **Ir-Reġistrazzjoni u l-Proċess tal-Ġbir ta' Skart WEEE.**

4.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joanne Debono Grech, Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, bit-titlu **Ftuħ Uffiċjali tal-Arkata ta' Wignacourt magħrufa bħala l-bieb ta' Fleur-de-Lys.**

4.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Bonello, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, bit-titlu **Użu tal-Istruttura għal Poster Kbir.**

4.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Receipt of Membership Fee.***

4.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Catherine Camilleri, *National Affairs* mal-i*Strategy & Communication Directorate*, bit-titlu ***Street Lights at* Triq il-Panorama, Qrendi – *Attention Profs Victor Axiaq.***

4.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ryan Finch, minn Nexia BT, bit-titlu ***Copies of Financial Statements.***

4.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sandra Grech, mill-Partit Nazzjonalista, bit-titlu **Fiera tal-Haxix u Frott, il-Qrendi.**

4.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, Koordinatur tal-*Lifelong Learning*, bit-titlu ***Request for Community Outreach – Lifelong Learning.***

4.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Caruana, *Core Team Member* tal-*President's Foundation for the Wellbeing of Society*, bit-titlu ***The President's Secret Garden – Opening Activity.***

4.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Aquilina, mill-Awtorita'

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu ***Break Time 2016.***

4.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Roderick Zammit, *Events Coordinator* mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu ***Malta International Fireworks Festival 2016.***

4.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Raymond Zammit, CEO tal-LESA, bit-titlu ***Meetings with Local Councils.***

4.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Neville Muscat, *EU Project Officer* fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu ***Measure 313 Missing Documents.***

4.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Neville Muscat, *EU Project Officer* fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu ***Qrendi Local Council – M313.***

4.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kenneth Cutajar, *General Manager* ta' *District Operations Ltd.*, bit-titlu ***Community Workers – Temporary Absence.***

4.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur James J. Piscopo, mis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata – Kunsill Lokali Qrendi.**

4.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Luca Camilleri, minn *Island Insurance Brokers Ltd.,* bit-titlu ***Qrendi Local Council – Small and Medium Enterprise (Combined) Insurance Policy No SML/244/07/100010 & Group Personal Accident Insurance Policy No GPAL/244/07/100007 – 16th May 2016 Renewal.***

4.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Yoanne Muscat, Segretarja tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorita' tal-Ippjanar, bit-titlu ***Executive Council Meeting to be held on Monday 18th April 2016 – PC 008/15*** **– Wied iż-Żurrieq, Qrendi.**

4.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*Customer Care* tal-Awtorita' tal-Ippjanar, bit-titlu ***Consultations regarding Planning Applications – Registration on the Planning Authority's eApplications System.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.69 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Peter Gingell, mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-MEPA, bit-titlu ***Talking Point – New proposed changes to DNO.***

4.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-MEPA, bit-titlu ***MEPA Notice.***

4.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christabel Grima, mill-NSO, bit-titlu ***Job Vacancies Survery Quarter 1 2016 – JVS 56841.***

4.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Melvin Gatt, mill-WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***Case 189/16 – Cost of collection – MSW and Bulky Waste.***

4.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Michelle Louise Hewitt, mill-WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***Customer Feedback Questionnaire 2015.***

4.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Educational Information on Glass.***

4.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Last Collection of Clothes before the Summer Months.***

4.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn GreenPAK COOP, bit-titlu ***Local Council Awards 2016.***

4.77 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn GreenPAK COOP, bit-titlu ***Notice: GreenPAK Conference Postponed.***

4.78 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anthea Attard, *Local Councils Co-ordinator* ma' GreenMT, bit-titlu ***Meeting Request.***

4.79 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anthea Attard, *Local Councils Co-ordinator* ma' GreenMT, bit-titlu **Laqgħa ma' GreenMT.**

4.80 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono, mit-*Traffic Management and Road Safety Directorate* ta' Transport Malta, bit-titlu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***DPN of* Kwaranturi *in Qrendi.***

4.81 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono, mit-*Traffic Management and Road Safety Directorate* ta' Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a political activity in Qrendi.***

4.82 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Inġinier Ronald Attard Pullicino, minn Transport Malta, bit-titlu ***Electric Mini Cabs operating at* Wied iż-Żurrieq.**

4.82.1 Is-Sindku qal li min-naħa tagħna diġa' tkellimna mas-Sur Clayton D'Amato, il-persuna li jixtieq jopera dawn l-*electric mini cabs*.

4.82.2 Qal li s-Sur D'Amato qiegħed jgħid li dawn il-*cabs* ikunu ħdejn il-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq u lit-turisti jniżżillhom sa ħdejn il-kamra tal-biljetti tad-dgħajjes.

4.82.3 Spjega wkoll kif filgħaxija dawn il-*cabs* se jkunu qegħdin jiġu iċċarġjati fi Triq San Pietru, u din ma tagħmilx differenza lill-Kunsill Lokali.

4.82.4 Żied li s-Sur D'Amato qiegħed jitlob żewġ parkeġġi qrib il-kamra tal-biljetti tad-dgħajjes, imma bħala Kunsill Lokali rridu naraw l-interess ta' kulħadd, tal-i*stakeholders* kollha.

4.82.5 Qal li l-proposta hi li jittieħdu żewġ parkeġġi fejn illum hemm id-dgħajjes tad-dilettanti.

4.82.6 Kompla li wara li ltaqa' mas-Sur D'Amato, hu talab għal *method statement* kif se jkun qiegħed jopera dan is-servizz u rridu n-*no objection* mingħand l-għaqda tad-dgħajjes tat-turisti, kif ukoll mingħand dawk id-dilettanti li għandhom id-dgħajsa f'Wied iż-Żurrieq.

4.82.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-ideali hu jekk ikollna l-*method statement* u jekk se jieħu post ta' żewġ dgħajjes, allura s-Sur D'Amato għandu jirranġa magħhom u l-Kunsill Lokali jkollu ftehim bil-miktub.

4.82.8 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba tasal il-konferma bil-miktub, allura mbagħad il-Kunsill Lokali jkun jista' jikkunsidra din it-talba.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.83 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Simon Grima, *Chief Officer* fir-*Roads & Infrastructure Directorate* fi Transport Malta, bit-titlu ***Expropriation of Plot of Land in*** **Triq Dun Nerik Mahoney, il-Qrendi.**

4.83.1 Is-Sindku qal li tlabna lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex din il-biċċa art tinxtara, imma huma qalulna sabiex nitkellmu ma' Transport Malta dwar dan il-każ.

4.83.2 Min-naħa tagħhom Transport Malta qegħdin jisħqu li l-ewwel it-triq tiġi ffurmata mir-residenti, imbagħad hemm jidħlu huma sabiex tingħata l-ewwel wiċċ ta' tarmak.

4.84 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph J. Muscat, *Manager MultiChannel Banking* tal-Bank BOV, bit-titlu **Qrendi ATM.**

4.85 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Griscti, mid-Dipartiment tal-Kummerċ, bit-titlu ***2015 Trade Licences Reconciliations.***

4.86 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Priscilla Pirotta mill-GO, bit-titlu ***Local Council Qrendi.***

4.86.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega kif kienet biss il-kumpanija GO li ġiet lura bi proposta għall-Festival Agrarju tal-Patata 2016.

4.86.2 Qal li bħala kumpanija qegħdin iwegħduna li jibagħtu madwar 12,000 messaġġ lil persuni li għandhom linja GO u li dakinhar tal-Festival iridu li jkollhom l-esklussivita', u li jekk huwa possibbli jibagħtu xi rappreżentanti matul dan il-Festival.

4.86.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mat-talba tal-kumpanija GO.

4.87 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Clayton D'Amato, bit-titlu ***Withdrawal of Appeal.***

4.87.1 Is-Sindku qal li s-Sur D'Amato ddeċieda li jwaqqa' l-appell tiegħu u allura issa qegħdin nistennew lil-PCRB sabiex jagħtuna direzzjoni kif se nmexxu f'dan il-każ.

4.88 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Clayton D'Amato, bit-titlu ***Photos of***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Electric Cabs.***

4.89 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Anthony Zammit, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija dwar toqob tal-armar u n-nar tal-art tal-festa fi Triq it-Tempesta.

4.89.1 Is-Sindku qal li fl-ittra tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija qegħdin jintlabu wisq toqob fl-art.

4.89.2 Żied li hu ma jaqbilx li għandhom isiru toqob f'nofs il-*bypass* għax jista' jkollna problemi kif kellhom lokalitajiet oħra.

4.89.3 Spjega li qabel naġixxu, rridu niċċekkjaw eżatt kemm se tiġi tiswa kull toqba minħabba li anke mis-Soċjeta' Filarmonika Lourdes waslitilna talba bil-fomm sabiex inċekknu t-toqob li hemm fi Triq il-Parroċċa.

4.89.4 Għaldaqstant, fil-ġimgħat li ġejjin se nkunu qegħdin nikkwantifikaw ix-xogħol, u fil-laqgħa li jmiss niddeċiedu eżattament x'se nagħmlu.

4.90 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lorna Callus, bit-titlu ***Public Policies in Local Councils.***

4.91 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Grima, bit-titlu ***University Assignment.***

4.92 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Lino Bartolo, għas-Soċjeta' Maltija tal-Ortikultura, bit-titlu **Invit għall-Wirja tas-Soċjeta' Maltija tal-Ortikultura'.**

4.93 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonello Abela, Prinċipal fil-Bord tar-Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, bit-titlu **Appell dwar Sejħa għall-Offerti QLC – PC 49/15.**

4.94 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn WPS 237 Antonella Vella, mill-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, bit-titlu ***Invitation for Drug Squad Meeting.***

4.95 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn WPS 156 Sonia Parascandolo, mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu ***Dangerous Structure in*** **Triq il-**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Qrendi, iż-Żurrieq.**

4.96 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Janice Vella, minn *Environmental Landscapes Consortium Ltd.,* bit-titlu ***Proposed Roundabout at* Triq it-Tempesta, Qrendi.**

4.97 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joyce Grech, minn Radju RTK, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Promozzjoni fuq Kaskata Kulturali.**

4.98 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sonia Young, *Producer/Administrative Assistant* ma' Radju RTK, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2016 – Promozzjoni fuq Radju RTK.**

4.99 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sandra Formosa, *Student Support Officer & Recruitment* ma' *Global College Malta*, bit-titlu ***2nd Annual Careers Expo.***

4.100 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Manwel Borg, Kap tad-Dipartiment fil-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu **Festa Komunita' 2016.**

4.101 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sergio Grech, Assistent Kap fl-Iskola Primarja tal-Qrendi, bit-titlu **Ġnien tal-Kmand.**

4.102 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kunsill ta' Koperattivi Malta, bit-titlu ***Newsletter.***

4.103 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Mifsud, Kaxxier tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Rikjesta għal kopja tar-ritratt.**

4.104 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roberta Caruana, Assistent Segretarja tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Permess BBQ Festa.**

4.105 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmelo Schembri, bit-titlu ***Repeater* tal-Mobile fuq wara tal-Ġnien tal-Kmand.**

4.106 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Vincent Zammit, bit-titlu **Triq Mons. Ġużeppi De Piro.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.107 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nathalie Fenech, bit-titlu ***Complaint*** **– Bejjiegħ tal-Pitrolju.**

4.108 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Leo Cassar, bit-titlu ***Proposed Junction.***

4.109 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Martin Scicluna, bit-titlu ***Three Points for Attention of Mayor David Schembri.***

4.110 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Cassar, bit-titlu ***Junction at*** **Triq it-Tempesta, Qrendi.**

4.111 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Darren Gatt, bit-titlu ***Proposed Junction in*** **Triq it-Tempesta** ***with*** **Triq A. Chircop.**

4.112 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Alexandra Mamo, bit-titlu **Periklu fi triq bejn Wied iż-Żurrieq u Ħaġar Qim.**

4.113 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Mangani, bit-titlu **Talba għal Informazzjoni fuq il-Lokalita' Tiegħek.**

4.114 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karl Magro, bit-titlu **Mistoqsijiet fuq Kostruzzjoni.**

## 5. STRUTTURA TA' ĠIEĦ IL-QRENDI

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li huwa ta' diżappunt li mhux kulħadd ressaq il-proposti tiegħu/tagħha.

5.2 Fil-fatt, inqraw il-proposti mressqa mis-Sindku David Schembri, il-Viċi Sindku Charles Zerafa, il-Kunsillier Daniel Farrugia kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

5.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud wegħdu li se jkunu qegħdin jibagħtu l-proposti tagħhom mill-aktar fis.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.4 Is-Sindku ppropona li din il-materja tkompli tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

5.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 6. IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FIL-QRENDI

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li se niddiskutu l-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq iż-Żurrieq, Triq is-Salvatur u Triq it-Torri.

6.2 Qal li fl-aħħar jiem saret laqgħa mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali fejn huma tawna l-proposti tagħhom għal dawn it-tliet toroq.

6.3 Spjega kif fil-frattamep wasal ukoll il-permess mingħand Transport Malta sabiex fi Triq it-Torri jsir *5 metre double yellow line* wara t-talba tas-Sur Vincent Zammit, faċċata tal-garaxx konċernat.

6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon għadda biex jispjega l-parkeġġ ta' Triq iż-Żurrieq.

6.4.1 Qal li fil-preżent il-parkeġġ qiegħed isir fuq in-naħa tal-lemin (jekk tħares lejn it-triq minn Triq is-Salvatur), imma mbagħad aktar 'l isfel il-parkeġġ jaqleb fuq ix-xellug.

6.4.2 Spjega kif il-Koperattiva Tabelli u Sinjali hija tal-parir li l-parkeġġ kollu ta' din il-parti ta' Triq iż-Żurrieq (minn k/ma' Triq is-Salvatur sa k/ma' Triq il-Biżantini) jmur kollu fuq in-naħa tax-xellug, u dan minħabba żewġ punti importantissimi:

1. Fuq il-lemin il-bankina hija prattikament dejqa, u allura mhijiex aċċessibbli jekk kemm-il darba jkun hemm il-karozzi;
2. Minħabba li fin-naħa t'isfel tat-triq il-bankina tieqaf, jekk kemm-il darba jibqa' jsir il-parkeġġ kif qiegħed isir illum, dan jista' jkun

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ta' periklu għal dawk li jkunu għaddejjin bil-mixi.

6.4.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li għalkemm l-idea tidher tajba, jista' jagħti l-każ lir-residenti ta' din it-triq igergru minħabba li issa draw bis-sistema eżistenti.

6.4.4 Is-Sindku qal li rridu naraw eżatt kif se naffettwaw lin-nies, speċjalment lir-residenti, qabel ma tittieħed xi tip ta' deċiżjoni.

6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv għadda biex jispjega l-proposta tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali dwar Triq is-Salvatur, b'mod speċjali wara l-Kappella li ġġib l-istess isem.

6.5.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll il-proposta tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali dwar Triq it-Torri, liema proposta kienet milqugħa favorevilment.

6.6.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 7. <u>AMBAXXATUR/RIĊI ĠDID/A GĦALL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

7.1 Din il-materja diġa ġiet diskussa f'Minuta 4.31 f'dawn l-istess Minuti.

## 8. <u>APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI</u>

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €48,408.16 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/16 u €77.29c skont il-*Petty Cash* Ref T/03.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 9. <u>AĠĠORNAMENT</u>

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju 2016 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |